# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2008

## tat-8 ta' Diċembru 2020

## li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħhom u aġġustamenti rilevanti oħra

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 1(1) u 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 ([2]) japplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

(2) Fit-8 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni nediet reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 702/2014, bil-għan li dan jiġi sostitwit b'regolament ġdid għall-perjodu 2021 sal-2027. Madankollu, l-iżvilupp tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandu jitqies meta jiġi abbozzat dak ir-regolament il-ġdid. B'rilevanza partikolari għal dan hija l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-PAK ([3]), li jipprevedi biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdew jimplimentaw il-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom sa mill-1 ta' Jannar 2021.

(3) Madankollu, il-proċedura leġiżlattiva dwar ir-riforma tal-PAK għadha għaddejja u l-qafas legali, inklużi l-atti delegati u ta' implimentazzjoni li jirriżultaw, mhux se jiġi adottat għal xi żmien.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jkollhom l-iskemi tagħhom ta' għajnuna mill-Istat eżentati skont ir-Regolament (UE) Nru 702/2014 u sabiex ir-reviżjoni ta' dak ir-Regolament tkun tista' titlesta wara l-adozzjoni tar-riforma tal-PAK, huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 702/2014 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

([3]) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (COM/2018/392 final).

(5) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 ([4]) u (UE) Nru 1388/2014 ([5]) huma wkoll applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2020.

(6) Fid-29 ta' April 2019 u fit-2 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni nediet reviżjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014, rispettivament, bil-għan li dawn jiġu sostitwiti b'regolamenti ġodda għall-perjodu 2021 sal-2027. Jenħtieġ li dawk ir-regolamenti jibqgħu koerenti u konsistenti ma' regoli oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod partikolari, mar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ([6]). Ta' rilevanza partikolari hija l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-FEMS, li jipprevedi l-istabbiliment tal-FEMS mill-1 ta' Jannar 2021 ([7]). Madankollu, il-proċedura leġiżlattiva dwar ir-riforma tal-FEMS għadha għaddejja. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jagħtu ammonti żgħar ta' għajnuna skont ir-Regolament (UE) Nru 717/2014 u li l-iskemi ta' għajnuna mill-Istat tagħhom ikunu eżentati skont ir-Regolament (UE) Nru 1388/2014, u sabiex ir-reviżjoni ta' dawk ir-Regolamenti tkun tista' titlesta wara l-adozzjoni tar-riforma tal-FEMS, huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014 jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2022.

(7) Fid-dawl tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 702/2014 u (UE) Nru 1388/2014, jista' jagħti l-każ li xi Stati Membri jkunu jixtiequ jestendu t-tul ta' żmien tal-miżuri li dwarhom ġiet ipprovduta informazzjoni fil-qosor f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, ikun xieraq li jiġi stabbilit li s-sommarju tal-informazzjoni dwar l-estensjoni ta' dawk il-miżuri, inkluż iż-żieda potenzjali fil-baġit, għandu jitqies bħala wieħed li ġie kkomunikat lill-Kummissjoni u ppubblikat, sakemm ma ssir l-ebda emenda sostantiva għall-miżuri kkonċernati.

(8) Jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014 u (UE) Nru 1388/2014 jiġu adattati wkoll biex iqisu l-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq l-impriżi u biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rispons ta' politika ġenerali adottat mill-Kummissjoni, speċjalment fil-perjodu 2020-2021. B'mod partikolari, l-impriżili ma kinux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda li saru impriżi f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna skont dawk ir-Regolamenti.

(9) L-Artikolu 1 l-Artikoli 13 sa 43 tar-Regolament (UE) Nru 1388/2014 jinkludu referenzi għar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-FEMS sabiex jiġu definiti operazzjonijiet eliġibbli u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' għajnuna skont dawk id-dispożizzjonijiet. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali matul il-perjodu ta' estensjoni tar-Regolament (UE) Nru 1388/2014, jenħtieġ li dawk ir-referenzi jinftiehmu bħala li jirreferu għar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fil-verżjoni applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2020, irrispettivament minn jekk dak ir-Regolament jiġix revokat.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014 jiġu emendati skont dan.

(11) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-għajnuna eżistenti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 702/2014, (UE) Nru 717/2014 u (UE) Nru 1388/2014 u biex l-impriżi li saru impriżi f'diffikultà fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ikunu eliġibbli għall-għajnuna mill-1 ta' Jannar 2020, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

---

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 37).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

([7]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM/2018/390 final).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 702/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 702/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(6) qed jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) għajnuna lil impriżi li ma kinux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda li kienu f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.";

(2) fl-Artikolu 9, jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 6, meta Stat Membru jkun jixtieq jestendi miżuri li fir-rigward tagħhom ikun tressaq sommarju tal-informazzjoni lill-Kummissjoni, is-sommarju tal-informazzjoni dwar l-estensjoni ta' dawn il-miżuri, għandu jitqies li jkun ġie kkomunikat lill-Kummissjoni u ppubblikat, sakemm ma ssirx emenda sostantiva, ħlief żieda fil-baġit, għall-miżuri kkonċernati.";

(3) fl-Artikolu 52, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022.".

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 717/2014**

Fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 717/2014, it-tieni paragrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022.".

*Artikolu 3*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1388/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 1388/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(3), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għajnuna mogħtija lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna li tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat minn diżastri naturali u għajnuna lil impriżi li ma kinux jinsabu f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 iżda kienu jinsabu f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021;";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"*Artikolu 11a*

**Deroga mir-rekwiżiti ta' informazzjoni u pubblikazzjoni**

B'deroga mill-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 11, il-punt (a), fejn Stat Membru jkun jixtieq itawwal il-miżuri li fir-rigward tagħhom ġiet sottomessa informazzjoni fil-qosor lill-Kummissjoni, informazzjoni fil-qosor fir-rigward tal-estensjoni ta' dawk il-miżuri għandha titqies li ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni u ppubblikata, sakemm ma ssir ebda emenda sostantiva oħra lill-miżuri kkonċernati ħlief żieda fil-baġit.";

(3) fl-Artikolu 47, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2022.".

*Artikolu 4*

**Applikazzjoni tar-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-Regolament (UE) Nru 1388/2014**

Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fl-Artikoli 1 u 13 sa 43 tar-Regolament (UE) Nru 1388/2014 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-verżjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-31 ta' Diċembru 2020, irrispettivament minn jekk dak ir-Regolament jiġix revokat.

*Artikolu 5*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN